Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru.20,959, 15 ta' Novembru, 2022
Taqsima B

A.L. 282 tal-2022

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 81 (1) (ċ) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81 (2) ta' dak l-Att:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2022 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019 għall-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons) – taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Information Technology;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Information Technology;

"il-Grad" tfisser il-Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons);

"il-Higher Diploma" tfisser il-Higher Diploma in Information Technology;

"il-Kors" tfisser programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons); u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad tal-2019.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2022 jew wara.

L-Oqsma ta' Studju

3. (1) Il-Grad jingħata f'xi wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju li ġejjin:

(a) Artificial Intelligence;
(b) Computer and Business;
(c) Software Development.

(2) L-oqsma ta' studju offruti fi kwalunkwe sena partikolari jkunu ippubblikati mill-Bord fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors

4. (1) Biex ikunu reġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom:

jew (a) jissodissfaw ir-rekwiżiti speċjali għall-kors kif imniżżla fil-paragrafi (2) sa (4) ta' dan l-ordinament;

jew (b) minn Ottubru 2023 'il quddiem, ikollhom is-Certificate in ICT Foundation Studies minn din l-Università.

(2) L-applikanti għall-qasam ta' studju tal-**Artificial Intelligence** li qed japplikaw skont is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandhom:

jew (a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkollhom ukoll żewġ ċertifikati li għaddew bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura u l-Computing sakemm li wieħed minn dawn iċ-ċertifikati jkun ippreżentat fil-Livell Avvanżat tal-Matrikola u ċ-ċertifikat l-ieħor ikun ippreżentat mill-inqas fil-Livell Intermedju tal-Matrikola;

jew (b) ikollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura, jew f'livell simili ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti tad-Dħul tal-Università ; u

(ii) wieħed minn dawn li ġejjin:

(1) id-Diploma tas-City and Guilds of London Institute Course No. 7235 fl-Applied Information Technology; jew

(2) l-MCAST-BTEC Extended Diploma in IT; jew

(3) l-MCAST Advanced Diploma in IT; jew

(4) l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) fil-Computing.

(3) L-applikanti għall-qasam ta' studju tal-**Computing and Business** li qed japplikaw skont is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandhom:

jew (a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fi tnejn mis-suġġetti li ġejjin: il-Matematika Applikata; il-Computing; l-Information Technology; l-Ekonomija; l-Accounting; il-Marketing; il-Matematika Pura; il-Bijoloġija, il-Kimika, l-Ingliż, il-Filosofija, u l-Fiżika; u

(ii) ċertifikat li għaddew fil-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar (jekk mhux ippreżentat fil-Livell Avvanzat); u

(iii) ċertifikat li għaddew fil-Computing jew fl-Information Technology fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (jekk mhux ippreżentati fil-Livell Avvanzat).

jew (b) ikollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f'ħames suġġetti, li jinkludu l-Ilsien Ingliż u l-Malti;

(ii) ċertifikat li għaddew fl-Oqsma tal-Għerf fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; u

(iii) ċertifikat li għaddew fil-Matematika Pura fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar, jew f'livell simili ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti tad-Dħul tal-Università; u

(iv) waħda minn dawn:

(1)id-Diploma tas-City and Guilds of London Institute Course No. 7235 fl-Applied Information Technology; jew

(2) l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) fil-Computing; jew

(3)kwalunkwe kwalifika oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta meqjusa mill-Bord bħala ekwivalenti għal (1) jew (2) hawn fuq.

(4) L-applikanti għall-qasam ta' studju tas-**Software Development** li qed japplikaw skont is-sotto-paragrafu (a) tal-paragrafu (1) ta' dan l-ordinament għandhom:

jew (a) jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-

Regolamenti għad-Dħul tal-Università u jkollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar f'żewġ suġġetti minn dawn li ġejjin: il-Matematika Applikata, il-Computing, l-Information Technology, l-Ekonomija, il-Matematika Pura, il-Bijoloġija, il-Kimika, l-Ingliż, il-Filosofija u il-Fiżika; u

(ii) ċertifikat li għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura (jekk mhux offrut fil-Livell Avvanzat); u

(iii) ċertifikat li għaddew fil-Livell Intermedju tal-Matrikola fil-Computing jew fl-Information Technology (jekk mhux offrut fil-Livell Avvanzat)

jew (b) ikollhom:

(i) ċertifikat li għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja f'ħames suġġetti, li jinkludu l-Ilsien Ingliż u l-Malti; u

(ii) ċertifikat li għaddew fl-Oqsma tal-Għerf fil-Livell Intermedju tal-Matrikola; u

(iii) ċertifikat li għaddew fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola bi Grad Ċ jew aħjar fil-Matematika Pura jew f'livell simili ta' eżamijiet oħra rikonoxxuti mis-Senat għall-għan tar-Regolamenti għad-Dħul; u

(iv) waħda minn dawn:

(1) Id-Diploma tas-City and Guilds of London Institute Course No. 7235 fl-Applied Information Technology;

(2) l-MCAST-BTEC Higher National Diploma (HND) fil-Computing;

(3) kwalunkwe kwalifika oħra minn istituzzjoni rikonoxxuta meqjusa mill-Bord bħala ekwivalenti għal (1) jew (2) hawn fuq.

It-Tul tal-Kors

5. Il-Kors jinfirex fuq perjodu ta' tliet snin ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time*.

Il-Programm tal-Kors

6. (1) L-applikanti għandhom jindikaw l-għażla tal-qasam ta' studju tagħhom fiż-żmien tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

(2) Il-Kors jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 180 krettu ECTS.

(3) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studju għall kull qasam ta' studju qabel il-bidu ta' kull Kors, wara l-approvazzjoni tas-Senat. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord, bl-approvazzjoni tas-Senat, jista' jkun kostrett li jagħmel, l-istudenti huma marbuta li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju tal-oqsma ta' studju li huma qegħdin isegwu għall-Grad.

7. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm

assenjati 30 krettu ECTS u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għas-Certificate.

8. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għad-Diploma.

9. L-istudenti li jtemmu b'suċċess taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 120 krettu ECTS u li jagħżlu li ma jkomplux il-Kors jew, wara li komplew, ma jtemmux il-Kors b'suċċess, jkunu eliġibbli għall-Higher Diploma.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent

10. (1) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-Kors, b'kull sena tingħata l-piż kif ġej:

Il-Marka Medja tal-Ewwel Sena	20%
Il-Marka Medja tat-Tieni Sena	40%
Il-Marka Medja tat-Tielet Sena	40%.

(2) Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-klassifikazzjoni tad-Diploma u tal-Higher Diploma għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fit-taqsimiet studju kollha, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

11. Il-provvedimenti tal-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

12. Il-Kors jista' jiġi offrut fuq bażi *part-time* flessibbli bil-dispożizzjonijiet speċjali li ġejjin skont il-provvedimenti imniżżla fir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, applikabbli bit-tibdil meħieġ (*mutatis mutandis*) minħabba n-natura tal-Kors *part-time*:

(a) Matul kull sena akkademika, l-istudenti għandhom jitħallew jirreġistraw għal għadd ta' taqsimiet studju kif miftiehem mal-Koordinatur tal-Kors, li għalihom ikun hemm assenjati mhux anqas minn 12-il krettu ECTS, sakemm li r-reġistrazzjoni għat-taqsimiet studju inklużi fil-programm ta' studju għal kull sena tal-Kors (60 krettu ECTS) tkun mifruxa fuq mhux aktar minn 3 snin akkademiċi.

(b) Sabiex isir progress regolari minn sena tal-kors għal oħra, is-60 krettu ECTS ta' kull sena tal-kors iridu jitlestew f'mhux aktar minn 3 snin akkademiċi.

(c) L-istudenti li jkunu assenti għall-valutazzjoni ta' taqsima studju, jekk eliġibbli, ikunu meħtieġa joqgħodu għall-valutazzjoni ta' kwalunkwe għadd ta' taqsimiet studju mhux kompluti fis-sessjoni ta' valutazzjoni ta' Settembru jew fl-opportunità disponibbli li jmiss.

(d) Jekk neċessarju, l-istudenti jistgħu jitħallew jirreferu l-valutazzjoni tat-taqsima studju għas-sena akkademika li jmiss, sakemm li mhux aktar minn 12-il krettu ECTS jistgħu jiġu riferuti minn sena tal-kors għall-oħra.

(e) Il-valutazzjonijiet tat-taqsimiet studju li jistgħu jiġu riferuti għas-sena akkademika ta' wara għandhom jitqiesu bħala addizzjonali għan-numru minimu ta' kretti (12-il ECTS) li l-istudenti huma obbligati jirreġistraw għalihom matul kull sena akkademika.

(f) L-istudenti li, wara li jkunu rreġistraw għat-taqsimiet studju kollha li jinkludu l-programm ta' sena ta' kors, u wara s-sessjoni ta' Settembru jkollhom aktar minn 12-il krettu ECTS biex itemmu l-programm għas-sena tal-kors, jistgħu jitħallew, jekk eliġibbli u wara parir akkademiku, jirreferuhom għas-sena akkademika li jmiss li matulha ma jitħallewx jirreġistraw għal xi taqsimiet studju oħra. Jekk din is-sena akkademika tkun meħtieġa flimkien mal-perjodu massimu ta' tliet snin imsemmi f'(b), din għandha titqies bħala sena addizzjonali.

(g) L-istudenti li, wara li jkunu rreġistraw għat-taqsimiet studju kollha li jinkludu l-programm tal-aħħar sena, jistgħu, jekk meħtieġ u jekk eliġibbli, jirreferu kwalunkwe taqsima studju mhux kompluta għal sena akkademika addizzjonali.

(h) Sena addizzjonali, kemm jekk meħieġa skont il-paragrafu (f) jew (g) tista' tingħata darba biss matul il-Kors, sakemm ma tingħatax f'ċirkostanzi speċjali u bl-approvazzjoni tas-Senat.

(i) L-istudenti reġistrati fil-programm *part-time* flessibli għandhom jiksbu l-approvazzjoni tal-Koordinatur tal-Kors qabel ma jirreġistraw għat-taqsimiet studju li jixtiequ jsegwu f'kwalunkwe sena akkademika.

(j) Suġġett għall-approvazzjoni tal-Bord, l-istudenti reġistrati fil-Kors jistgħu jitħallew ibiddlu l-mod ta' attendenza tagħhom minn *full-time* għal *part-time* flessibbli jew viċe-versa fil-bidu tat-tieni sena tal-programm ta' studju regolari. Bidliet fil-mod ta' attendenza f'xi sena sussegwenti tal-Kors tista tkun ikkunsidrata mill-Bord, jekk il-programm tal-Kors jippermetti.

(k) Minkejja l-provvedimenti fir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, minħabba n-natura tal-Kors meta offrut fuq bażi *part-time* flessibbli li tippermetti perjodu itwal min-normal, studenti reġistrati fuq programm ta' kors *part-time* flessibbli bħal dan m'għandux ikun intitolat li jirrepeti sena ta' kors, u lanqas għal sena ta' estensjoni wara kull sena ta' kors.

It-Tħassir

13. L-Ordinamenti tal-2013 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2019 għal Grad ta' Bachelor of Science in Information Technology (Honours) – B.Sc. IT (Hons) - taħt il-patroċinju tal-Fakultà tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u l-Komunikazzjoni, ippubblikati bħala Avviż Legali Nru. 192 tal-2013 għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2022, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2022 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.